MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' April, 2009

Numru 350/2007

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J. Farrugia)

vs

Rodney Casha
Michael Portelli

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati ta' karta ta' identita' numru 115784(M) u 252483(M) rispettivament li huma akkuzati talli:

1. nhar it-22 ta' Frar 2007 ghall-habta tas-7:00p.m. minn gewwa l-istabbiliment 'Eurosport', sitwat fi Triq Salvu Psaila, Birkirkara kkommettew serq ta' propjeta' (hwejjeg sportivi) ghad-dannu ta' John Peresso, u/jew il-Kumpanija

Eurosport Limited, u/jew terzi persuni ohra liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur izjed minn mitt lira, u dan ai termini ta' l-Artikoli 261, 267 u 279(a) tal-Ligijiet ta' Malta.

Lil Rodney Casha wahdu talli:

1. gewwa l-istabbiliment kummercjali Eurosport ta' Rahal il-Gdid, (Paola) u minn gewwa Eurosport tal-Iklin matul ix-xhur ta' qabel it-22 ta' Frar, 2007, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'hinijiet differenti kkommetta serq (ta' prodotti tal-hwejjeg sportivi) a detriment tal-kumpanija 'Eurosport' u/jew terzi persuni ohra, liema serq jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100), ikkwalifikat bil-valur, u dan ai termini ta' l-artikoli 261, 267, 279(a) tal-Kap 9 liema serq hu anqas minn Lm1,000;
2. gewwa l-istabbiliment kummercjali 'Pull and Bear' ta' Rahal Gdid, (Paola) u 'Pull and Bear' tal-Belt Valletta, matul ix-xhur ta' qabel it-22 ta' Frar, 2007, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'hinijiet differenti kkommetta serq (ta' prodotti tal-hwejjeg) a detriment tal-kumpanija 'Pull and Bear' u/jew terzi persuni ohra, liema serq jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm 100), ikkwalifikat bil-valur, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 279(a) tal-Kap 9 liema serq hu anqas minn Lm1,000;
3. fix-xhur ta' qabel it-22 ta' Frar, 2007 minn gewwa l-istabbiliment Urban Jungle tal-Belt Valletta, kkommetta serq b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda f'hinijiet differenti ta' propjeta' (prodotti tal-hwejjeg tad-ditta Nike) a detriment tal-kumpanija 'Urban Jungle' u/jew terzi ohra, liema serq jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100) ikkwalifikat bil-valur, u dan ai termini tal-artikoli 261, 267, 279(a) tal-Kap 9 liema serq hu anqas minn Lm 1,000.

Lil Rodney Casha u Michael Portelli flimkien talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, xjentament f'Malta laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew xjentament b'kull mod li jkun, indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti, ai terminu tal-artikolu 334(a) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza isir sommarjament, mhux opposta;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma baqghu jinsistu anka wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw;

Fuq l-ammissjonijiet volontarju u inkondizzjonati taghhom tiddikjarhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Ghal finijiet ta’ piena ikkonsidrat li skont kif jirrisulta mill-fedina penali rispettiva taghhom dan hu l-ewwel reat ghalkemm fir-rigward l-akkuzat Rodney Casha hu akkuzat ta’ tlett serqiet b’kollox. Jirrisulta però li kemm dan l-akkuzat kif anka l-akkuzat l-iehor ikkoperaw mal-Pulizija u li apparti kollox ghandom il-problema tad-droga u ghandhom bzonn l-ghajnuna.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261(c), 267, 279(a) tal-Kap 9 fil-konfront tal-akkuzat Michael Portelli u 18, 261(c), 267, 279(a) fil-konfront tal-akkuzat Rodney Casha u tiddeciedi li filwaqt li ssibhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom tapplika fil-konfront taz-zewg imputati l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tpoggihom taht is-sorveljanza ta’ ufficjal tal-probation ghall-perjodu ta’ tlett snin mil-lum. Fost il-kundizzjonijiet li jkunu jorbtu skond l-annessa formola li hu parti ta’ din is-sentenza l-akkuzi huma obbligati li jissottomettu ruhhom ghall-test tal-urina kull darba li jigu ordnati mill-ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti fehmet lill-akkuzati r-responsabilita’ rispettiva taghhom skont din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------